MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2005

Avviz Numru. 154/2005

**Avviz numru 154/05DM**

**Harbour Managment Ltd (C 29326)**

**Vs**

**John Busuttil (ID numru 711758 M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, seba' mija, wiehed u sebghin lira Maltija hamsa u sebghin centezmu (Lm2,771.75) rappresentanti in kwantu elfejn, sitt mija, u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm2,655) bhala 'berthing fees' ghall-perjodu bejn Jannar u Dicembru, 2005, dovuti quddiem ghall-'yacht' 'See Moewe', in kwantu mija, sittax-il lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm116.75), bilanc ta' prezz akbar, dovuti ghall-servizzi u merkanzija moghtija lill-konvenut in konnessjoni

mal-‘yacht’ ‘See Moewe’, flimkien ma’ l-imghax kummercjali mid-data ta’ kull fattura skond id-dokumenti annessi ma’ l-avviz u mmarkati dok ‘A u B’, bl-ispejjez kollha nkluzi dawk tal-Mandat ta’ Impediment ta’ Tluq ta’ Bastiment numru 438/05 u tal-Mandat ta’ Qbid numru 439/05 JVA, kollox kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduti tat-12 ta’ Lulju, 2005, u tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ elfejn, sebgha mija u wiehed u sebghin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm2,771.75) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mill-25 ta’ Dicembru, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------